VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,828, 11 ta' Novembru, 2011
Taqsima B

A.L. 449 tal-2011

AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43(1) u (3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2004 dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 458 tal-2004.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2012.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "tat-23 ta' April, 2009" għandhom jiżdiedu l-kliem "u d-Direttiva 2011/15/UE tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Frar, 2011".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subparagrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"*(a)* Kull bastiment tal-passiġġieri, minkejja l-kobor tiegħu, u kull bastiment ieħor, minbarra bastimenti tal-passiġġieri, ta' tunnellaġġ gross ta' 300 tunnellata

jew aktar, li jżur port f'Malta, għandu jkun mgħammar b'sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) li tkun konformi man-normi tekniċi u ta' funzjonalità stabbiliti fil-Kapitlu V tal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1974 għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar (SOLAS), kif emendata:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx japplikaw għal:

(i) bastimenti tal-passiġġieri ta' inqas minn 15-il metru bħala tul totali jew tunnellaġġ gross taħt it-300 tunnellata li jagħmlu biss vjaġġi domestiċi;

(ii) kull bastiment ieħor ta' tunnellaġġ gross ta' 300 tunnellata jew aktar imma inqas minn 500 tunnellata li jbaħħru esklussivament ġewwa l-ibħra Maltin u mhux f'rotot normalment użati minn bastimenti mgħammra bl-AIS; u

(iii) kull bastiment ieħor ta' tunnellaġġ gross taħt it-300 tunnellata.";

(b) minflok is-subparagrafu (d) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"*(d)* (i) Bastimenti tal-passiġġieri, minkejja l-kobor tagħhom, u kull bastiment ieħor, minbarra bastimenti tal-passiġġieri, ta' tunnellaġġ gross ta' 3,000 tunnellata jew aktar, li jkunu użati għall-vjaġġi internazzjonali u li jżuru port f'Malta, għandhom jkunu mgħammra b'sistema ta' rekordjar ta' data dwar il-vjaġġ (VDR) li tkun konformi man-normi tekniċi u ta' funzjonalità stabbiliti fil-Kapitlu V tas-SOLAS:

Iżda bastimenti tal-merkanzija ta' tunnellaġġ gross ta' 3,000 tunnellata u aktar, mibnija qabel l-1 ta' Lulju, 2002 il-VDR tista' tkun is-sistema ta' rekordjar ta' data dwar il-vjaġġ simplifikata (S-VDR) li tkun konformi man-normi tekniċi u ta' funzjonalità stabbiliti fil-Kapitlu V tas-SOLAS.

(ii) Bastimenti tal-passiġġieri, minkejja l-kobor tagħhom, u kull bastiment ieħor, minbarra bastimenti tal-passiġġieri, ta' tunnellaġġ gross ta' 3,000

VERŻJONI ELETTRONIKA

tunnellata jew aktar, mibnija fl-1 ta' Lulju, 2002 jew wara, li jbaħħru esklussivament ġewwa l-ibħra Maltin, għandhom jkunu mgħammra b'VDR li tkun konformi man-normi tekniċi u ta' funzjonalità stabbiliti fil-Kapitlu V tas-SOLAS.

(iii) Bastimenti tal-merkanzija ta' tunnellaġġ gross ta' 3,000 tunnellata jew aktar, mibnija qabel l-1 ta' Lulju, 2002, li jbaħħru esklussivament ġewwa l-ibħra Maltin, għandhom jkunu mgħammra b'VDR jew S-VDR li jkunu konformi man-normi tekniċi u ta' funzjonalità stabbiliti fil-Kapitlu V tas-SOLAS.

(iv) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx japplikaw għal:

(a) tagħmir ta' VDR fuq bastimenti tal-passiġġieri użati fuq vjaġġi f'żoni tal-baħar differenti minn dawk koperti b'Klassi A, imsemmijin fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju, 2009 dwar ir-regoli u n-normi tas-sigurtà għall-bastimenti tal-passiġġieri;

(b) tagħmir ta' VDR fuq bastimenti, minbarra bastimenti tal-passiġġieri *ro-ro*, mibnija qabel l-1 ta' Lulju, 2002 fejn ikun jista' jiġi muri li mhux raġonevoli u mhux prattikabbli li jiġi mqabbad VDR mat-tagħmir eżistenti fuq il-bastiment; u

(ċ) tagħmir ta' S-VDR fuq bastimenti tal-merkanzija mibnija qabel l-1 ta' Lulju, 2002, kemm jekk użati fuq vjaġġi internazzjonali u kemm jekk użati esklussivament fl-ibħra Maltin, jekk bastimenti bħal dawk ikunu ser jitwaqqfu b'mod permanenti mis-servizz sa sentejn wara d-data ta' implimentazzjoni imniżżla fil- Kapitlu V tas-SOLAS."; u

(ċ) fis-subparagrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "mis-sistema ta' VDR" għandhom jidħlu l-kliem "mis-sistemi ta' VDR u S-VDR".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu u minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Fil-każ ta' bastiment li jkun irmunkat b'kuntratt ta' rmunkar jew salvataġġ, il-miżuri meħuda mill-Awtorità taħt il-paragrafi (a) u (d) jistgħu wkoll jiġu indirizzati lill-kumpaniji ta' assistenza, salvataġġ u rmunkar involuti.".